# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 162/2015

Seduta tal-20 ta' Marzu 2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adolph Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Adolph Baldacchino, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 339973(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Fil-15 ta' Mejju 2014 u/jew żminijiet qabel fil-fond bl-isem 'JAC Steel' li jinsab Triq Aldo Moro Marsa u/jew f'dawn il-gżejjer xjentement laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, cioe' forklifter tal-għamla Toyota numru tar-registrazzjoni ABH 796 liema oġġett kien meħud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħu u jmexxieh.
>
> Ukoll talli fl-istess żminijiet volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fuq vettura (forklifter) tal-għamla Toyota numru tar-reġistrazzjoni ABH 796 għad-dannu ta' Francis Savier Borg mill-Gżira u/jew persuni oħra liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt ewro iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro.
>
> B'hekk irreda ruħu reċidiv ai termini tal-art. 49 u 50 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti sabet l-imputat Adolph Baldacchino ħati u għaldaqstant ikkundannatu sena priġunerija sospiżi għal sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-5 t'April, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. tikkonferma f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u

2. tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena ta' sena priġunerija sospiża għal sentejn tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Generali interpona appell minn dik il-parti tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tikkoncerna l-piena erogata fil-konfront ta'l-appellat li irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, inkluz allura l-addebitu tar-recidiva, billi jishaq illi din ma kenitx wahda kontemplata fil-ligi. Dan ghaliex jikkontendi illi l-minimu tal-piena preksritta fil-ligi hija dik ta' wiehed u ghoxrin xahar prigunerija u dan ghar-reati li dwarhom l-appellat gie misjub hati, liema terminu ta' prigunerija lanqas seta' jigi sospiz fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali billi l-appellat huwa recediv.

Illi minn ezami tal-atti processwali ghandu jirrizulta illi fl-1 ta' April 2014 Leonard Cuschieri rraporta li kien insteraqlu *forklifter* tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni ABH796 mill-fabbrika tiegħu ġewwa ż-żona industrijali ta' San Ġwann, propjeta' ta' Francis Xavier Borg, kif ukoll *generator* u xi għodda appartenti lilu. Sussegwentement fil-15 ta' Mejju 2014, il-pulizija ġew mgħarrfa li l-*fork lifter* misruq kien jinstab fil-fabbrika JAC Steel sitwat fi Triq Garibaldi, Marsa liema fabbrika hija ġestita mill-appellat Baldacchino u fejn meta aċċedew għal dan l-istabbiliment filfatt sabu dan il-*forklifter*. Irriżulta li dan kellu diversi ħsarat f'partijiet minnu fosthom it-*tyres*, fl-i*spray* li kien inbidel, kellu il-batterija mibdula u pjanċi ta' reġistrazzjoni neqsin, liema ħsarat ġew ikkwantifikati fl-ammont ta' €1954.

L-appellat jitressaq il-Qorti fl-24 ta' Marzu 2015 u jammetti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu skont il-liġi u mingħajr ebda riserva. Fid-dawl ta' dan kif ukoll tal-fatt illi huwa kien ikkopera mal-pulizija u kien irritorna l-*forklifter* lil sidu, l-appellat gie misjub ħati mill-Ewwel Qorti li erogat il-piena ta' sena prigunerija, liema terminu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qrati ripetutament sostnew illi sabiex il-Qorti tal-Appell tvarja l-piena li tkun imposta mill-Ewwel Qorti irid ikun hemm imposizzjoni ta' piena li tkun barra mill-parametri legali jew irregolari skont id-dettami applikati għal każ li jkun. Infatti skont dak dispost fis-sentenza tal-appell fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Attard[1] il-Qorti kkunsidrat illi:

> **'il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Gieli ikun hemm varjazzjoni tal-piena meta l-Qorti tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita' ghall-hati li biha jkun jista'**

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Patrick Vella, nhar is-26 ta' Jannar 2001.

**jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz, bhal ma huwa dak tad-droga.'**

Illi din il-Qorti analizzat l-akkużi miġjuba kontra l-appellat u l-piena erogata ghall-istess fiż-żmien meta r-reati ġew kommessi minnu. Minnufih tistqarr illi għal dak li jirrigwarda l-piena kkontemplata fil-ligi ghar-reat ta' riċetazzjoni l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun. Billi l-valur tal-*forklifter* ricettat kien jeżorbita l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37) u liema fatt ġie kkonfermat ukoll mill-appellat stess f'waħda mill-istqarrijiet rilaxxati minnu, m'hemm l-ebda dubbju li l-piena minima preskritta għar-reat ta' riċetazzjoni waħedha hija dik ta' 13 il-xahar priġunerija, fit-termini ta'l-artikoli 334 u 279(b) tal-Kapitolu 9.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi ġiet emendata permezz tal-Att XXIV tas-sena 2014 li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014. Issa l-appellat huwa mixli li ikkometta dan ir-reat fil-15 ta' Mejju 2014 u fiż-żminijiet ta' qabel meta allura l-piena kienet taqa' taħt l-artikolu 325(a) tal-Kodici Kriminali peress li l-ammont kwantifikat tal-ħsarat jammonta għal €1954, li għaldaqstant jeżorbita l-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) ikkontemplati dak iz-zmien f'din id-disposizzjoni tal-ligi u fejn allura l-piena kienet dik tal-priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Madankollu billi l-piena kif emendata u li tapplika illum tinkwadra ruhha f'dak dispost fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali liema disposizzjoni tal-ligi tipprospetta parametri ta' bejn it-tmien xhur sa erbatax il-xahar prigunerija, din il-piena hija aktar favorevoli għall-appellat, u li allura ghandha tapplika fil-konfront tieghu.

Issa l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 jiddisponi illi '*persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien*'.

Dan ifisser illi fil-komputazzjoni tal-piena, maghduda l-pieni ghal dawn iz-zewg

reati bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) hawn fuq iccitat, l-minimu assolut ghandu jilhaq dik tal-prigunerija ta' ħmistax il-xahar u nofs. Bl-addebitu tar-reċidiva li ġie wkoll ammess mill-appellat il-piena trid tiżdied bi grad skont id-dettami tal-artikolu 50 u fejn allura dan il-minimu ghandu jiżdied ulterjorment għal tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Maghdud dan allura m'hemm l-ebda dubju li meta l-Ewwel Qorti erogat il-piena ta' sena prigunerija din ma kenitx fil-parametri tal-ligi. Mhux biss izda gjaldarba l-appellat instab hati li kien recediv lanqas dan il-perijodu ta' prigunerija ma seta' jigi sospiz u dan fid-dawl tal-eskluzjoni li timponi il-ligi fl-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-appellat isostni issa fi stadju ta' revizjoni illi huwa ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-kofnront tieghu billi kien intlahaq ftehim mal-Prosekuzzjoni illi din ma kellhiex tkun wahda ta' habs effettiv. Illi din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-ebda patteggjament li ma isirx in konformita' mal-ligi. Madanakollu din il-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni bikrija maghmula mill-appellat quddiem l-Ewwel Qorti li tista' twassal ghal temperament fil-piena.[2]

Qieset ukoll id-deposizzjoni tal-Ispettur Spiridione Zammit moghtija quddiem din il-Qorti nhar it-12 ta' Lulju 2018[3]. *Di piu* din il-Qorti ħadet ukoll kont tal-fatt li x-xiehda tal-appellat hija meħtieġa sabiex il-proċeduri kontra terzi jissoktaw, u liema kawżi għadhom pendenti sakemm l-appellat jagħti d-deposizzjoni tiegħu. In oltre ħadet kont tal-fatt li skont dak li xehed l-ispettur, l-appellat ġieli assista l-pulizija f'investigazzjonijiet oħra u dan b'riżultat posittiv. Qieset finalment illi r-res furtiva

[2] Ara fost oħrajn Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Emanuel Magro deċiża nhar it-2.6.2004, mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Joseph Scerri deċiża nhar it-12.5.04 deċiża mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 mill-Imħallef VincentDegaetano, Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Carmel Zammit sive Charles deċiża nhar id-29.07.2002, Pulizija vs Emanuel Testa deċiża nhar is-17.7.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Joseph Attard deċiż nhar is-26.01.01 mill-Imħallef Patrick Vella, ilkoll deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

[3] Folio 85 tal-atti proċesswali.

ġiet ritornata lura lil sidha.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tirriforma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar l-24 ta' Marzu, 2015 u konsegwentement, wara li rat l-artikoli 334(a), 267, 279(b), 325(1)(b), 49, 50 u l-artikolu 17(b) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat Adolph Baldacchino ge misjub hati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, izda tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu tal-liberta' kundizzjonata.

Edwina Grima
Imhallef